# BALLATA

Kull fl-għaxija x'ħin id-dalma
Tifrex tulha u l-ħajja tnin;
Minn ġo Knisja mwarrba, siekta,
Jidwi leħen. Ilu s-snin

B'karba mnikkta, b'rogħda kbira
Lil min jersaq issemmagħlu
Din il-ġrajja ta' żmien ilu.
Tisma' n-nies; titniehed bħalu.

"Ieqaf hemm! Hawnhekk le jidħol
Min minn qalbu 'l-bogħod l-imħabba,
Ġrajja kiefra hawnhekka tnisslet:
Maqdes Alla b'demm ittabba.

Kien iż-żmien illi wlied Ġwanni
Ħakmu 'l-Gżira tal-Maltin,
Saqsi għalihom xbejbiet Malta...
Minn xbubithom mifrudin.

Pawla, Pawla xi sbuħija
Saħħret wiċċek u mixjitek,
Kont il-għaxqa minn ta' niesek,
Kemm malajr il-mewt ħatfitek.

Bkew il-qniepen l-aħħar bikja
Sellmu l-omm tal-ġnus, Marija;
Ħaffu l-medda ta' riġlejhom
Lejn id-dwejra n-nies maltija.

Hawnhekk waħdek x'qgħed tistenna
Ta' Provenza bin imqit,
X'ressqek hawn fil-ħemda, id-dalma
X'ser tistorlok kbir għafrid?

W-inti Pawla għala minn darek
Itbigħedt mill-kenna u l-barka,
Għax titriegħed, tħares lura
Għall-kull ħoss ta' werqa mħarrka.

Inti taf, ja Knisja mwarrba,
Zewġt iqlub rajt. imgħannqin.
Rajthom b'ħeffa qgħed jitbewwsu,
Rajthom f'demmhom imgħarrqin,

Ja missier, il-ħaqq temmejtu,
Maqdes Alla tabba' d-demm
Sfaw magħluqa bwieb il-Knisja
Bqajt jien waħdi nibki bl-hemm"

Hekk igħid il-leħen kiebi,
Ilu s-snin ma jeħda qatt:
Dratu n-nies 'ma kull fl-għaxija
Tmur titnigħed qalb kullħadd.

Ros. **Briffa**